**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦDAX**

**17 ta' FRAR, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia informa li ma setgħax jattendi minħabba raġuni familjari. **Dokument mehmuż 1.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri informa li ma setgħax jattendi.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**11.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

11.1.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato tkellem fuq punt 10.1.1 fejn informa lill-Kunsill li wara l-email li kienet ġiet iċċirkolata fuq il-mawra li ser jagħmel il-Kunsill taż-Żurrieq flimkien mal-orkestra tal-Kunsill f'San Marino, Borgo Maggiore, ġie stabbilit li tliet kunsilliera biss kienu interessati li jmorru u li ser iħallas għalihom il-Kunsill. Dawn huma – s-Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera David Abdilla u Joseph D'Amato. Ser jmorru ukoll 15 –il mużiċist u 27 resident(li normalment imorru fl-attivitajiet tal-Kunsill) bi ħlas. Il-Kunsill għamel booking tal-flights u tal-Lukanda wara li ġab

kwotazzjonijiet. Ġiet organizzata laqgħa ma dawk kollha li ħallsu għall-mawra. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għadu għaddej bil-preparamenti tal-programm tal-mawra li ser issir bejn 27 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu.

11.1.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-laqgħa li kellha ssir bejn is-sotto kumitat kultura fi ħdan il-Kunsill Lokali u l-Kumitat/rappreżentanti mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, saritx.
Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bħalissa jinsab imħabbat ħafna bil-preparamenti tal-mawra għall-San Marino u kien għadu ma sabx ħin biex jiffisa laqgħa, imma aċċerta li l-laqgħa ser jitlobha żgur.

11.1.3 Fir-rigward ta' punt 10.15.2 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill kiteb lill-Kunsill ta' Ħal Safi.

11.1.4 Ġew approvati l-minuti tal-għaxar seduta.

## *11.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ U TAS-SOTTO KUMITAT ANZJANI*

11.2.1 Ġew approvati l-minuti numru 21, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 16 ta' Frar, 2016. U ġew approvati ukoll il-minuti tal-laqgħa annwali tal-Kumitat Amministrattiv li saret il-bieraħ ukoll.

11.2.2 Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 9 u 10.

L-ambaxatur taż-żgħażagħ, is-Sur Kaydem Schembri informa lill-Kunsill bis-suġġeriment li għamel il-Kunsill Żgħażagħ, biex fl-uffiċċju tal-Kunsill ikun hemm reċipjent li jilqa fih tappijiet tal-plastik u meta jintela jingħata għal karita.
Kien hemm qbil fuq dan.

L-ambaxxatur qal ukoll li ser issir attivita' li tiġi l-Blood Mobile Unit fiż-Żurrieq fix-xahar ta' Frar.
Il-Viċi Sindku Rita Grima ssuġġeriet li jkun aħjar li dan is-servizz jingħata mill-Berġa tas-saħħa.
Kien hemm qbil li s-Sur Kaydem Schembri jitkellem mal-Kunsill Żgħażagħ fuq dan. Is-Sindku ssuġġerixa li l-Arċipriet għandu jkun avżat biex imexxi l-kelma fuq l-artal.

11.2.3 Ġew approvati l-minuti numru 5 tas-Sotto Kumitat Anzjani.

***11.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK***

11.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 29. Ma kienx hemm minuti tal-Gal Xlokk x'jiġu approvati.

***11.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU***

11.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kuntratt li s-Sur Herbert Naudi f'isem Active Media Outdoor Advertising Ltd irid jagħmel mal-Kunsill, biex jieħu ħsieb it-tabelli kollha tal-Merħba Żurrieq (sponsorjati minn HSBC). Fiż-Żurrieq hawn 4 tabelli ta' dan it-tip u kien hemm qbil li ġaladarba lill-Kunsill mhux ser tinvolvih spejjeż finanzjari dan il-kuntratt għandu jiġi iffirmat. **Kopja mehmuża dok numru 1**

11.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' bidwi li għandu l-għelieqi tiegħu fi Triq il-Wied qabel tinżel għall-Wied iż-Żurrieq. Dan qed jitlob permess biex jipparkja fuq il-bankina quddiem ix-xatba tal-għalqa tiegħu.

Ma kienx hemm qbil fuq dan.

11.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet irċevuta mingħand Puttinu Cares, tal-fondi li nġabru fl-attivita' tal-Milied. L-ammont kien ta'€249.36. **Dok 2 mehmuż**

11.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Avukat Dr Borg wieġeb għall-ittra tal-Avukat tal-kumpanija Wastecollection Ltd.
Kien hemm qbil li jinstab id-dokument li juru meta inbexew l-aħħar il-palm.

11.4.5 Is-Sindku nforma li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa pożittiva mas-Sur Raymond Zammit – Chief Executive Officer tal-LESA u tqajmu l-punti fejn hemm l-aktar bżonn infurzar tal-liġi. Il-postijiet li ssemmew huma dawn:
It-toroq tal-iskola(fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tal-iskejjel)
Triq Bronja fejn il-Maypole
Triq il-Karmnu fuq ħmieġ tal-klieb
Li jitwal il-ħin tal-un/loading f'Misraħ Repubblika
Issemma ukoll l-infurzar żejjed li jkun hemm kif toħroġ mill-mina ta' Ħal Kirkop.

11.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li bħalissa fil-librerija pubblika għaddej xogħol estensiv mis-Sur

Steve Borg (Administrattiv officer mil-libreriji ta' Malta). Is-Sur Steve Borg ta diversi kotba bla ħlas, ġugarelli edukattivi li jintużaw minn tfal ta' abbiltajiet differenti u tapit fejn jistgħu jpoġġu t-tfal waqt l-attivitajiet fil-librerija. Dan kollu max-xogħol manwali li qed isir biex il-librerija tkun rinovata b'kotba ġodda.

Is-Sur Steve Borg innota li hemm bżonn li l-Kunsill iżid tal-inqas satejn u nofs oħra fil-ġimgħa ftuħ tal-librerija biex ir-residenti jinqdew aħjar.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li finanzjarjament dan l-ammont ilaħħaq għal madwar €880 fis-sena.

Kien hemm qbil ma din iż-żieda u li l-ġurnata għandha tkun il-Ħamis filgħaxija kif kien issuġġieriet mis-Sur Steve Borg. Il-librar Robert Zammit ġie mistoqsi jekk jista jaħdem dawn il-ħiniiet u aċċetta li jibda dawn il-ħinijiet ġodda minn Mejju.

11.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport annwali – Annual Audit Report maħdum mill-accountant tal-Kunsill, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.
Kien hemm qbil fuqu u li għandu jintbgħat lill-awdituri għall-approvazzjoni.

11.4.8 Is-Sindku ssuġġerixxa biex fis-seduta li jmiss ikunu mistednin l-Arċipriet u l-Viċi Arċipriet il-ġodda, fejn il-Kunsill juri id ta' ħbiberija u apprezzament.
Kien hemm qbil fuq dan.

## 11.5 Ġieħ iż-Żurrieq

11.5.1 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li hu u s-Sindku tkellmu fuq l-attivita' ta' għoti ta' premju għal-Ġieħ iż-Żurrieq u ċ-Ċittadin Ewlieni.
Kien hemm qbil li jsir sotto kumitat fuq dan is-suġġett u jkun mistiedna fih, l-istess nies li kienu f'sotto kumitat simili. Jekk dawn il-persuni ma jibqgħux interessati li jagħmlu parti minn dan is-sotto kumitat, għandha tiġi avviċinata persuna oħra ta' l-istess professjoni.
Kien hemm qbil li s-Sindku ser javviċina lill-persuni li kienu fis-sotto kumitat qabel.
Kien hemm qbil li s-sotto kumitat jissuġġerixi l-persuni għall-premju u finalment ikun il-Kunsill li japprova tali persuni. Il-kriterji għandhom jibqgħu dawk ta' snin preċedenti.

## *11.6 Aġġudikazzjoni ta' Tender: RR67/09/15*

11.6.1 Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar, 2016 infetħu l-offerti tat-tender Road Resurfacing RR67/09/15.

L-offerenti kienu:

- Schembri Infrastructures Ltd
- Philip Agius and Sons Ltd
- Bonnici Brothers Services LTD

Il-Perit William Lewis ġie mqabbad joħroġ rapport fuq l-offerti sottometti u r-rapport jindika li l-kumpanija Schembri Infrastructures Ltd, kienet l-orħos offerent u kienet issottomettiet il-kriterji kollha.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jimxi fuq ir-rapport tal-perit u l-offerta tingħata lill- Schembri Infrastructure Ltd.

**11.7 Appell: GS67/08/15b**

11.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet rapport li għamel il-Bord tal-kuntratti pubbliċi fuq l-appell li għamlet il-kumpanija Callus Landscaping & Gardening fuq l-aġġudikazzjoni tal-Kunsill fuq l-offerti ta' Horticultural Works at Public Gardens and Mainenance of Soft Areas using Environmentally Friendly Products and Practices.

Fl-4 ta' Frar, 2016 saret il-laqgħa tal-Bord fejn kienu preżenti rappreżentanti tal-Kumpanija Callus landscaping and gardening, Environmental Landscapes Consortium u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żurrieq u l-bord ta l-ordni lill-Kunsill Lokali biex iħallas lura l-ammont sħieħ ta' depożitu ta' 400Euro tal-appell, tal-kumpanija Callus landscaping and gardening. Il-Bord qal li l-Kunsill ma kellux raġun li jaġġudika l-offerti fuq in-numru ta' persuni li kienu ser jassenjaw fiż-Zurrieq, il-Kumpanija Environmental Landscapes Consortium, minħabba li tali rekwiżit ma kienx indikat fid-dokument tat-tender.
Il-Kumpanija Callus Landscaping and gardening aċċertat :

- li l-lista ta' pjanti imniżla fid-dokument kienet ser tkun bla ħlas.
- U li lest li jassendja żewġ persuni kuljum fuq iż-Żurrieq.

Dan saru kollu taħt ġurament quddiem il-Bord.

Fuq dawn il-fatturi l-Kunsill kellu jagħti l-offerta lill-Callus Landscapes Consortium, avolja ma qabel xejn mad-deċiżjoni tal-bord.

Kien hemm qbil li l-Kuntratt tax-xogħol jibda minn nhar it-Tnejn 22 ta' Frar, 2016.

11.8 **Kamra tal-Venda**

11.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-kamra li qed tintuża bħala bus shelter fil-venda ta' Misraħ Mattia Preti, mhux qed tintuża tajjeb. Tant li qed tkun mimlija ħmieġ uman u skart ieħor.

Is-Sindku qal li fil-kamra qed jorqdu fiha żewġ persuni homeless u anke qed tintuża għal abbużi ta' droga. Hu qal li għamel rapport l-għassa taż-Żurrieq. Tkissru ukoll il-bankijiet li għamel il-Kunsill.

Kien hemm qbil li jiġi ordnat bieb tal-ħadid li jidher ġewwa minnu u li jibda jinfetaħ u jingħalaq mal-ħinijiet tal-letrina pubblika li hemm fl-istess misraħ.

*11.9* ***Estenzjoni ta' Reduced Hours tal-Impjegati***

11.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ talbiet tal-impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri li talbu biex il-ftehim tagħhom, mal-kunsill lokali, li jaħdmu bir-reduced working hours, li ser jiskadi fis-26 ta' April u 16 ta' Marzu, rispettivament, jiġi mġedded b'sena oħra.
**Dok 3 mehmuża.**

Kien hemm qbil unanimu fuq dan it-tiġdied, bl-istess kundizzjonijiet li kellhom.

*11.10* ***Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

11.10.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li waqt laqgħa li kellu ma' rappreżentanti taż-Żurrieq Wolves ġie mressaq ir-rendikont ta' Skola Sajf u tas-sezzjonijiet ta' taħriġ ta-xitwa.
Għall-attivitajiet tas-sajf ipparteċipaw 82 atleta, filwaqt li għal dawk tax-xitwa 36 atleta. Iż-Żurrieq Wolves qalu li kull sena l-ammont ta' parteċipanti qiegħed jiżdied u jħossu li hekk ser jerġa jiġri f'din is-sena u talbu biex il-Kunsill jerġa jipparteċipa f'dawn is-sezzjonijiet.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-impenn tal-Kunsill Lokali għandu jibqa jiġi sostnut u jkompli juri appoġġ

bl-istess kundizzjonijiet tal-ftehim preċedenti.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jagħmel il-parti tiegħu bi ftehim maż-Żurrieq Wolves.

11.10.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Zurrieq FC u Zurrieq Wolves qed jippruvaw jingħaqdu sabiex il-players li jitrenjaw maż-Żurrieq Wolves, wara li jaslu għal ċertu eta jagħddu għandu ż-Żurrieq FC. Dan kollu minħabba li Zurrieq Wolves mhux għaqda reġistrata mal-MFA. Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li jsir kuntratt bejn iż-żewġ għaqdiet u l-Kunsill Lokali, fejn ikun involut ukoll avukat, biex jagħti l-pariri tiegħu(imma ma jkunx iffinanzjat mill-Kunsill).

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma qabilx mal-proposta li l-Kunsill ikun involut f'xi tip ta' ftehim/kuntratt maż-żewġ għaqdiet u li m'għandu x'jaqsam max-xogħol tal-Kunsill. Hu żied jgħid li l-Kunsill m'għandux ikun involut f'diskussjonijiet ta' football maż-żewġ għaqdiet.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qabel mal-Kunsillier Joseph D'Amato li l-Kunsill m'għandux ikun involut f'tali diskussjonijiet, għax qal li fuq dawn il-każijiet hemm entita oħra li tirregola l-affarijiet li hi l-MFA. Hu żied jgħid li l-MFA hi l-organizzazjoni esperta li tirregola dan il-qasam.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jista jgħin billi joffri l-uffiċċju tiegħu għal-laqgħat li jsiru bejniethom, li jkun preżenti għalihom il-Kunsillier inkarigat mill-isports – il-Kunsillier Dino Bonnici.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li fis-sotto kumitat tal-isports jżid lil Dr Alex Mangion bħala membru. Kien hemm qbil fuq dan.

11.10.3 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġie avviċinat minn persuna li qaltlu li waqt li kienet ipparkjata f'Misraħ Repubblika, xi ħadd ħabat mal-vettura tagħha u ma waqafx. Hi marret tagħmel rapport l-għassa biex tara is-CCTV imma ma sabitx għajnuna mill-għassa.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-CCTV hi tal-LESA u din il-persuna kellha tikkuntatja lil-LESA fi żmien ta' 24 siegħa, fuq dan ir-rigward.

11.10.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta fuq l-art ta' Triq G M Callus, li l-Kunsill talab biex tkun devoluta lilu.
Is-Sindku wieġbu fin-negattiv.
Kien hemm qbil li tinġabar il-korrispondenza kollha li l-

Kunsill kellu mal-Ministru tal-Artijiet li għadu kemm spiċċa mill-kariga tiegħu u jitlob appuntament mal-Onorevoli Deborah Schembri biex jibda jiddiskuti l-każ magħha.

11.10.5 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li ġie avviċinat minn persuna li għandha garaxx fi Sqaq numru 1 fi Triq il-Kbira, fejn uriet ritratti li jindikaw vetturi ipparkjati fl-isqaq u li jimblukkaw milli xi ħadd jista joħroġ minn darhu.
Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex l-isqaq isir 'no parking' għal kulħadd, inkluż għar-residenti.

11.10.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill irċieva email mingħand bidwi li qed jitlob li jsir resurfacing ta' Sqaq numru 2 f'Wied il-Qoton f'Hal Far (akwata Tal-Massar). Din il-persuna trid torganizza attivitajiet tal-agrituriżmu fil-farm tagħha u imma l-istat tal-isqaq qed ifixkel dan kollu.
Kien hemm qbil unanimu li fis-sentejn li ġejjin il-Kunsill mhux ser ikun fi stat finanzjarju tajjeb li jagħmel tali xogħol, imma jekk jinħarġu fondi mill-Unjoni Ewropea lest li japplika għalihom hekk kif għamel fi snin l-imgħoddija fuq l-istess sqaq.

11.10.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob għall-grawnd 5-a-side, li bħalissa kien f'idejn iż-Żurrieq FC, biex jekk il-Gvern ikun lest li jagħmillu l-manutenzjoni meħtieġa, jagħddi għand il-Kunsill u jkun il-Kunsill li jibda jamministrah. Hu żied jgħid li l-Kunsill għandu jitlob ukoll għall-pitch tal-boċċi li hemm fil-viċin biex il-Kunsill jagħmlu outdoor gym. B'hekk il-Kunsill ikollu kumpless sportiv f'idejh u l-post ma jibqax fi stat ta' telqa.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jaqbel mal-Kunsillier Joseph D'Amato fuq li l-Kunsill għandu jitlob biex il-pitch tal-boċċi jieħdu f'idejh u jibda jamministrah hu. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu stess kien ħareġ bl-ideja li jsir outdoor gym u kellu diversi laqgħat fuq il-materja biex isir flok il-pitch tal-boċċi.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ma jaqbilx li l-grawnd 5-a-side jintalab mill-Kunsill, minħabba li ż-Żurrieq FC diġa għamlet laqgħat fuq dan ir-rigward u l-intenzjoni hi li dan il-grawnd issirlu l-manutenzjoni meħtieġa u jerġa jiġi amministrat miż-Żurrieq FC stess.
Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jirtira s-suġġeriment tiegħu fuq il-grawnd 5-a-side għax ma kienx jaf bl-intenzjoni taż-Żurrieq FC.

11.10.8 Il-Kunsillier David Abdilla ressaq kampjuni ta' souvenirs li jista jkollhom l-emblema taż-Żurrieq fuqhom.
Kien hemm qbil li tinġib kwotazzjoni ta' arloġġ u paper weight tal-ħġieġ.

11.10.9 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li hemm bżonn li ssir żabra tal-pjanti li hemm fis-central strip ta' Triq Dun Ġużepp Zammit, minħabba li qed jostakolaw il-vista tas-sewwieqa li mhux qed jaraw min ikun qed jaqsam.
Kien hemm qbil li dan għandu jkun l-ewwel xogħol li għandu jsir mill-Kuntrattur il-ġdid..

11.10.10 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li ġiet avviċinata minn residenta fi Triq il-Luq, fejn infurmat li minħabba li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għamel linji sofor quddiem ir-residenza tagħha, mhux qed tkun tista tniżżel ix-xirja tagħha mil-karozza.
Kien hemm qbil li dan l-ilment jitressaq fis-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

11.10.11 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia nfurmat li hemm bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix u tindifa fi Triq in-Nigret fejn kamra li 'l quddiem ser titwaqqa biex tinfetaħ triq.
Kien hemm qbil li jkun infurmat il-kuntrattur tal-knis fuq il-każ.

11.10.12 Il-Kunsillier Jean Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq il-manutenzjoni li hemm bżonn li ssir fil-playing equipment ta' Ġnien il-Ġibjun.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li talbet stima tal-manutenzjoni meħtieġa imma għada bla risposta.
Kien hemm qbil li jiġi iċċarat l-ftehim li kien sar mal-MTA fir-rigward.

11.10.13 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li l-Kunsillier Kenneth Farrugia sar missier u ssuġġerit li l-Kunsill jagħti rigal tal-okkażjoni.
Kien hemm qbil li minħabba li l-liġi tal-Kunsill ma tiprovdix li l-Kunsill jagħti rigali, l-flus għandhom jinħarġu personalment bejn is-Sindku, l-Kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv u l-ambaxxatur taż-Żgħażgħ.

11.10.14 Il-Viċi Sindku Rita Grima ressqet ilment minn sid il-ħanut ta' Triq San Pawl fejn talab li ssir un/loading bay quddiem il-ħanut biex ikun jista jħott il-merkanzija.
Kien hemm qbil li minħabba li Transport Malta ma tagħti tali permessi minħabba li ħanut wieħed biss hemm fl-imsemmija triq, din it-talba ma titressaqx.

11.10.15 Is-Sindku talab biex isiru double yellow lines fil-

kantuniera ta'  Triq il-Qroll.
Kien hemm qbil fuq dan.

11.10.16 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li s-Sur Raymond Schembri jixtieq jorganizza attivita' fil-ġnien tal-ġibjun fis-7 ta' Ġunju. Din ser tkun attivita' għat-tfal u l-Kunsill mhux ser tinvolvih flus.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jistieden lis-Sur Schembri fis-seduta li jmiss, biex jispjega l-attivita' f'hix ser tkun tikkonsisti.

## *11.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

11.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' **€53,636.13.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard.

## *11.12 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

11.12.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23ta' Marzu, 2016 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta' Marzu, 2016.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |